# IN-NAĦLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL ĠIMGĦA BIEX TGĦALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**64.** **20 ta' NOVEMBRU 1909.** **IT-TIENI SENA**



FTEHIM.

**Ħadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijġedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-it t xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena b'xejn; min ijsieħbu jseħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand il Fotografu VELLA u għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, it-tnejn fi Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**


# L-Industriji Maltin.

Ftit ġmiegħi ilu tħadditna fuk it-tnissil u it-trobbija ta'l gajdri u naħseb li ħafna fehmu li dina l-industrija tcun ta' gid cbir għalina. Illum irrid nitchellem magħcom minn industrija oħra li naħseb li jecc titnissel u ticber fostna tista tagħmlilna gid bla tarf. Dina hi l-industrija ta't-tabacc u li xi xaħrejn ilu staksieni fukha l-imsieħeb tagħna Nardu Ellul ta' Ħal Chircop u li jiena ma ŭiegibtux malajr għaliex jiena ma inħiex xcora u ħafna tŭiegib ijrid ħafna tchixxif u ħafna tkallib ta' cotba.

Dana Ellul chien staksieni jecc it-tabacc jistax jicber f'Malta u tistax minnu tinħolok industrija fostna. Jiena bdejt biex staksejt lil Avucat u Contin Caruana-Gatto billi f'il botanica ta'l pajjis hu ŭieħed m'il majjuri u billi chien President ta'l « Agraria » u għalhecc chien ħabrec chemm il darba biex ijġib il kuddiem l-industriji ta'l pajjis, u dana ŭiegibni li it-tabacc jista jicber bla tbatija cbira f'Malta u għarrafni li it-Tabib Ġanni Borg, ta' Sant'Anton, li hu ŭieħed m'il akŭa naturalisti li għandna u li il ħila tiegħu fl-Istorja Naturali hi magħrufa sa f'pajjisi oħra chien għamel studju fuk it-tabacc f'Malta u li chien irnexxa ħafna f'it-taħŭil tiegħu.

Jiena tchellimt ma't-Tabib Borg li hu ŭieħed m'il egħżeż ħbieb li għandi sa minn meta conna dejjem nokogħdu ħdejn xulxin fuk il banc ta'l Università u dana kalli li it-tabacc jicber tajjeb ħafna f'Malta u li il ħaġa li tfixchel ftit għal l-eŭŭel hi biss il conza tiegħu, iżda li f'dina ŭara ftit pacenzja u esperimenti nistgħu naslu ucoll, u ŭiegħidni li fuk it-tnissil ta't-tabacc f'Malta chellu jictibli articolu biex ingibu f'in-«Naħla» ħaġa li għadu ma għamillix billi iżżeŭŭeġ ftit xhur ilu u għalhecc moħħu ma chienx, b'ir-raġun collu, f'in-« Naħla » tiegħi. Iżda nitma li ma jdumx ma jiftacar f'il ŭiegħdatiegħu u li jictbilna xi ħaġa seŭŭa chf jaf hu fuk dan it-tabacc f'Malta, u għandi mitt sena billi il fehma u il chitba tiegħu jisŭeŭ mitklhom deheb. Il gimgħa l-oħra gie f'idejja ġurnal commerċjali taljan m'il aħjar u fih krajt li fi Skallija sar cumitat biex ijcattru it-tnissil ta't-tabacc f'dic il gżira billi ŭara l-istudji li għamlu ħafna professuri għappi sabu li it-tabacc jista jicber bla tbatija cbira fi Skallija u li jista jkankal ħafna gid f'dac il pajjis.

Għaldakstant ingħid jien ġa la darba it-tabacc jista jicber u jitcattar ġo Skallija għala ma jistax jitcattar ucoll f'Malta meta ma aħniex bogħod ħlief tefgħa ta' gebla? Dac collu li jicber fi Skallija jicber fostna u actarx b'actar benna; mela dac li jistgħu jagħmlu l-Iskallin f'pajjishom għala ma nagħmluhx aħna ucoll f'tagħna?

Il consum ta't-tabacc f'pajjisna għadu cbir ħafna u għalhecc nistgħu għallankas noħolku dic il qŭantità ta' tabacc li tinħtieġ għal pajjisna u dana m'hux biss ijħaddem ħafna nies iżda jżomm flusna ġo butna u m'hux l-eluf ta'l-liri li jintefku cull sena f'it-tipjip kiegħdin ijmorru biss f'but erba grieghi li ma humiex sudditi ingliżi u li għalhecc ma għandhom l-ebda dritt li jiġu jistagħneŭ f'Malta, f'colonja ingliża, bla ma jħallsu l-ebda ħaraġ!

Jecc tasseŭ il Gvern ijrid jincoraġġixxi l-industriji ta'l pajjis hemm bżonn li jagħmel ligijiet ħorox contra daŭc il trustieri collha li jiġu jarmaŭ fabbrichi f'pajjisna meta daŭna ma humiex sudditi ingliżi bħalna. Barra minn Malta ma jidħolx sigarrett jecc ma jcunx ta'l pajjis inchella jħallas taxxa tant karsa li int b'il fors ijcolloc takta kalbec biex ma jarġax ijfettillec iddaħħlu darb'oħra. Għalhecc l-industriji ta' pajjisi oħra jmorru il kuddiem, għalhecc in-neguzjanti ta' pajjisi oħra jistagħneŭ għaliex għandhom gvernijiet u ligijiet li jakbżu għali-

# GHA'N-NISA

Xi dakkiet uliedcom ijcunu mitmugħa ħafna u ma jcun jonkoshom xejn, u frattant taraŭhom jisfaru, ijmorru l-ura minn ġurnata għal l-oħra sa jimirdu u xi dakkiet ijmutu ucoll. Tafu b'hiex? *Tcunu kiegħdin toktluhom b'il ġuħ.*

Nistħajjilcom tistaksuni: « Chif nistgħu noktluhom b'il ġuħ jecc uliedna ma jonkoshom xejn: jecc kiegħdin ŭarajhom b'seba għajnejn u li jecc imkar jitolbu ħalib-it-tajr arana naraŭ x'nagħmlu biex natuhulhom? » Iva, għaliex il bniedem ma jecolx dac collu li jitfa ġo l-istoncu tiegħu iżda biss dac li jsir biċċa minn gismu; dac li jibka għaddejj m'hux biss li ma jsostnix iżda ŭisk drabi jagħmel ħsara. Għaldakstant hemm bżonn li tokogħdu attenti li l-ichel li tatu l-uliedcom ijcun dac l-ichel li jinħtieġu u li jibnilhom gisimhom. Mela ma hux b'iż-żejjed li titimgħu l-uliedcom iżda hemm bżonn li titimgħuhom seŭŭa.

Biex tcunu kiegħdin titimgħu l-uliedcom seŭŭa hemm bżonn li tatuhom laħam m'il ankas. L-istoncu ta'ż-żgħar jegħja malajr biex ijsajjar il-laħam u għalhecc ijħallih għaddejj mit-luf għad li intom taħsbu li dac collu li dabal minn ħalkhom ħa sehem biex jibni gisimhom.

Atu l'it-tfal ħalib chemm tistgħu għaliex f'il ħalib hemm dac collu li hu meħtieġ biex jinbena il gisem ta't-tfal. Ħarsu lejn in-Natura biex taraŭ liema ichel ħejjiet għa't-tfal u imxu fukha. Il għasel, imkar isŭed, fuk il ħobż hu sustanzjus ŭisk ucoll. U trekkux għal butir u jecc taraŭh għali idraŭ atu l'it-tfal il ħobż b'ix-xaħam fuku. Itimgħuhom ħxejjex chemm tistgħu u l-aħjar bħala soppa. Atuhom soppa ta'l piżelli, b'il ful, ta'l *barley*, b'ir-ross, cunserva ta'l frott u frott misjur f'il forn. Il għatz hu tajjeb ŭisk ucoll u jibni il gisem daks il-laħam jecc m'hux actar. Mela biex tcunu kiegħdin titimgħu seŭŭa l-uliedcom ma hemm bżonn ta' xejn li iżżokkuhom b'il pernici jeŭ b'il bciecen, iżda meta tatuhom platt għatz, b'il ħaxix miegħu, tcunu sostnejtuhom daks li chiecu chielu tigieġa.

Jecc tridu imbagħad li uliedcom jitilgħu b'saħħithom la ittuhom katt xorb, cafè jeŭ te: daŭna ħsara cbira jagħmlu u m'hux gid.

Il *calce* u il *potassa* huma meħtieġa ħafna għa't-tfal biex jibnulhom għadamhom. Daŭna jinsabu f'il ħalib, f'il ful u f'il ħxejjex. Tabib għaref tedesc kal li il ħalib fih actar *calce* m'il *acqua di calce* li nixtru minn għand l-ispiżżjar stess; u id-Dr: Cheadle, imfaħħar għal mardijiet ta't-tfal, jirraccomanda ħafna il ħalib billi jgħid *« li hu emulsjoni b'ħafna grass fiha. »* Tatuhom x'tatuhom għal l-ichel kisu li il bażi ta' collox ijcun il ħalib jecc tridu taraŭhom jicbru donnom għoġliet.

Il bajd hu tajjeb ħafna ucoll u xi biċċa cicculata fina ma tagħmilx ħlief gid. Iżda jecc tridu li l-ichel jagħmel gid l'it-tfal kisu li tħalluhom chemm tistgħu jitbagħirdu għal l-arja u jecc jista jcun f'xatt il baħar. Ħalluhom jilagħbu, jakbżu, ijgħajjtu, jissakru għaliex dac collu jsibuh f'ħajjithom. La tibdgħux minn ċoconhom tagħilkuhom fl-ischejjel u tridu tagħmluhom ħafna San Tumasijiet. L-eŭŭel is-saħħa u imbagħad il għerf. Meta jibdgħu jmorru l-iscola ta' sitta jeŭ seba snin hu b'iż-żejjed u jecc ijcunu nervużi u taraŭhom ijsiru bżieżak u gelledin l-iscola tcun kiegħda tagħmillhom ħsara u m'hux gid. L-indafa imbagħad tcompli ma't-tnejn l-oħra biex taticom tfal b'saħħithom.

Mela ichel li jgħodd għal l-istoncu tagħhom u logħob fl-arja tajjba u indafa chemm tistgħu u iżnu l-uliedcom biex taraŭ li kiegħdin ijżidu dejjem f'il pis. Jecc taraŭ li dac li għedtilcom ma hux b'iż-żejjed u jibkgħu sfajjrin u xipli atuhom ftit żejt il ħut u jecc ma jriduhx ŭaħdu atuhom ftit fliexchen «CREAM EMULSION OF COD LIVER OIL» ta' Burgoyne bl'Ipofosfiti u jecc it-tfal ijcollhom fkir demmhom jecc iżżidulhom nofs cuċċarina CHEMICAL FOOD taraŭ chif ijcunilhom ta' gid cbir għalihom. U fuk collox kejsu li jorkdu ħafna u ħafna għaliex it-tfal actar ma jorkdu f'il fond actar ijcunu b'saħħithom.

Agħmlu mela, ja ommijiet, l-eżami ta'l coxjenza u kejsu li ma toktlux intom stess b'il mod il mod l-uliedcom.

***

Meta taraŭ it-tfal inqŭieti u jingħu ara jecc ijcunux b'il għatx; u l-actar meta jcunu jtellgħu għaliex f'd'il ħabta jcollhom actar għatx u l-ilma li tatuhom jiffriscalhom ħniechom li jcunu minfuħa u jkiegħidhom qŭieti.

***

Jecc it-tfal ma jcunux fiha la iddaħħluhomx f'il banju iżda aħsluhom bi sponża fina biċċa, biċċa.

***

F'ix-xitŭa la tibżax toħroġ it-tfal għal passiġġata, iżda libbishom tajjeb u oħrogħom; biss kabel joħorġu saħħnuhom tajjeb għaliex jecc ijcunu bierdin actar jieħdu rieħ malajr.

Għallmuhom ucoll li meta joħorġu f il csieħ ma jieħdux innifs minn ħalkhom iżda minn imnifsejhom ħalli ma jchessħux il pulmuni f'dakka. Chiecu cull min ijcun sħun fi cnisja, teatru, ħanut jeŭ x'naf jien jokgħod attent li malli joħroġ barra f'il chesħa f loc jibda jitħaddet jagħlak ħalku u jigbed in-nifs biss mn'imnifsejh, chiecu chienu jiffrancaŭ irŭieħhom ħafna irjieħ u ħafna bronchitijiet. U biex ma jieħdux irjieħ darrŭhom minn tfulithom jingħarcu tajjeb b'xugaman imfeltel ħalli jsaħħnu il gilda.

***

Kejsu li ma tħallu katt l-uliedcom joħorġu f'il bart b'riġlejhom barra, iżda icsuhomilhom b'il calzetti sa fuk. Kejsu li f'il kiegħ ta'ż-żarbun tħoccu ftit xama jeŭ xaħam biex l-umdu ma jgħaddix għal riġlejhom.

***

Cull tant tuhom xi porga u l-aħjar ftit żejt ta'r-riġnu frisca biex tmixxilhom l-imbarazz li jcollhom. Iżda tgħiduli li ma jriduhx għax fih togħma ħażina. Agħmlu hecc: ħudu għal nofs ukija żejt, nofs ukija glicerina pura, kiegħduha ġo meħries u f'il ħin li taħdmuha b'il-lida żidu iż-żejt ftit ftit sa ijsir collox bħal ġlatina li la jcun fiha rieħa u lankas togħma ta' żejt ir-riġnu ijżed. Jecc daŭc li jitmeżmżu iż-żejt ta'r-riġnu jippruvaŭ dan li għedtilcom jistgħu jibkgħu sguri li jieħduh bla tbatija ta' xejn.

LUCIJA LEVANZIN INGLOTT.

# Il Malti għal Maltin.

**Dolf**—loc fejn l-ilma jkattar dejjem, u minn hecc ħadet l-isem is-siġra ta'l platanu li dejjem tkattar il gomma. Dic il parti ta'l Belt li taħbat kuddiem il Forti Manoel ijgħidulha « Ta' Dolf » jeŭ għax fl-antic chien hemm xi siġra ta'l platanu jeŭ għaliex chien hemm xi kattara.

**Dokkajs**—general, condottier; għalhecc **dokkajsa** hi ir-regina ta'n-naħal għaliex tmixxihom hi.

**Dorbies**—ljun.

**Driegħ-in-nagħġa**—is-sider: il beżżula.

**Midŭa**—loc fejn iddeŭŭi, dac li illum ingħidulu «berġa.»

**Efien**—it-tiben irkiek li jaka meta jidirsu.

**Efgħa** u m'hux « lifgħa. » « Iddaħħalx l-efgħa f 'commtoc;» bħal ma ingħidu ħażin « id il-lemenija » għandna ingħidu « il jemenija; » « il jemin » u m'hux « il lemin. »

**Egħnelli**—conna miftiegħmin. « Egħnelli chellu jigi, chellu jicteb. »

**Għadu erħi**—tari bħal l-erħa (il vitella); għadu jarda.

**Fejda**—utli. « Cliem ta' fejda »—li fih x'tomgħod. «Fejda żgħira fi cliem bosta »—b'il cliem ŭisk ma tasal imchien.

**Faħal**—stallun. « Donnoc faħal » ingħidu lil dac li jcun imgissem u b'saħħtu iżda ma jisŭa għal xejn.

**Facar**—ricordju, tifchira. « Sejjer inżommu b'facar tiegħec.»

**Falca**—staffa. « Issa ħej la għandu sieku f 'il falca, jista jokmos. »

**Fanfri**—drapp imnakkax bħal ma il *bordi* hu drapp irrigat

**Fagħal**—xogħol, affari. Insibuha f 'proverbju antic: «Okgħod kgħadec, ara darec, ħares saħħtec, u għamel fagħlec.»

**Tifkad**—teżamina, tesplora, tara b'ir-rekka collha. « Fakad il għases » spezzjonahom. « Nansen mar jifkad il Pol » jesplora. « Il Fkad » fl-antic chien dac l-impjegat li chien ijgħasses u jieħu ħsieb x'jagħmlu il għases ta't-torrijiet u ta'x-xtut; u tfisser ucoll « Ingħiżitur. »

**Tiftakad** f 'is-sodda » jfisser meta ŭieħed jokgħod ftit jixxaħxaħ f 'is-sodda kabel ma jkum, bħal ma ta'r-raħal ijħallu il ħobż jiftakad kabel ma jdaħħluh f 'il forn.

**Fakmi**—dac li ma jakbelx ma' ieħor; illum min għandu snienu imkabbżin il barra, għaliex ma jcunux jakblu fuk xulxin.

**Faksi**—min ijcollu xagħru ħamrani. « Għal faksi xejn la tistaksi » għaliex ijgħidu li collha chemm huma rashom jiebsa, stinati.

« Dac għadma ta'l **faraboj** » xħiħ, jaf għal tiegħu, li ma tista minnu tisloħ xejn bħal ma m'il għadma ta'l faraboj ma tistax tieħu laħam.

**Farruġ**—serduk żgħir meta jcun sejjer jibda jidden.

**Tofroc**—izzappap. « Il chelb beda jofroc għa'x ritsuh. »

« Raba ta' **fard għalla** »—li ma jatix ħlief frott ŭieħed.

« Aħŭa **fardsiek** » igifieri daŭc li jcunu minn omm jeŭ missier ŭieħed; jecc l-omm tarġa tiżżeŭŭeġ it-tfal ta'l eŭŭel ragel ma ta't-tieni huma fardsiek.

« Chien għadu **fardsaff** »—b'siek ŭaħda fl-art u l-oħra fuk iż-żiemel (meta jircheb).

**Farda**—dic il biċċa drapp li jagħmlu fuk iż-żiemel biex ijgħattuh meta ma jcollux is-sarġ fuk daħru.

(*Jissocta.*)



# TLAKKIT.

**Scond il Bibbja** Naomi, bint Enoch, chellha tliet mija u tmienin sena meta iżżeŭŭġet. Għaldakstant daŭc il ħafna xebbiet li bdeŭ jitbielu u għadhom ma kalgħux ragel jistgħu jistabru ftit ieħor kabel ma jaktgħu jieshom għal collox.

**Fl-America** in-nisa jistgħu jservu ta' ġurati. Dan l-aħħar f-Los Angeles is-Sinjura Johanna Engleman serviet bħala ġurat, u ŭara li spiċċa il ġuri il prim-ġurat faħħarha ħafna billi kal li għinithom ħafna b'il pariri tagħha sa taŭ il verdett.

**F'Londra**, f 'it-teatri biss hemm impjegati ma't-tnax il elf ruħ.

**F'iz-Zecca** ta' Londra minn cull xelin li joħroġ jibka tliet soldi kliegħ; minn fuk cull tunullata soldi jibkgħu tliet mija u tnejn u tmienin lira kliegħ.

**Il Prim Ministru Ingliż** li l-actar dam chien Lord Robert Walpole (ma'l ŭieħed u għoxrin sena); lankas ŭieħed chien l-Earl of Bath għaliex dam jumejn biss.

**Il famus letterat Frederic Harrison** li laħħak tmienja u sebgħin sena u għadu fuk tiegħu donnu farfett meta stakseŭh chif ijgħix biex jibka b'saħħtu hecc ŭiegeb: «La tpejjpux, la tixorbux spiriti, kumu minn fuk il mejda bla ma tintleu iżżejjed, imxu sagħtejn cull jum u orkdu sebgħa; u fuk collox cunu cuntenti u xebgħana b'dac li Alla għogbu jipprovdilcom.» U naħseb li għandu raġun biex ijbiegħ.

**Omm l-Imperatur ta'r-Russja** u il Contissa ta' Parigi (li tigi omm ir-Regina ta'l Portugall) ijpejjpu is-sigarri!

**F'Cicago**, fl-America, żeŭġ chimici sabu, ŭara ħafna studju, il mod li bih jagħmlu l-ispirtu m'is-serratura u m'iċ-ċana; u l-ispirtu li jieħdu gie imfaħħar ŭisk għal qŭalità tajjba tiegħu. Il Germanja kiegħda fuk il bastimenti iddaħħal l-użu ta'l ispirtu f 'loc il faħam għax sabet li tmur aħjar.

U dina hi invenzjoni sabiħa u ta' ħtieġa cbira ŭisk għaliex il faħam fl-aħħar jispiċċa billi il minjieri li jafu bihom ma jistgħux ijlaħħku għal cullħadd u għal ħafna snin, iżda b'dina l-invenzjoni sa chemm hemm siġar hemm l-injam u sa chemm hemm l-injam hemm l-ispirtu biex ijmixxi il vapuri-ta'l-art, il frejgati, l-aŭtomobili, il macni u x'naf jien.

U biex l-injam ijsir spirtu xejn taħsbu li hi xi ħaġa tkila u li trid spejjes jeŭ xi għerf cbar. Is-serratura jagħilkuha fi sħana u taħt pressjoni cbira ma acidu u għalhecc is-serratura titbiddel fi glucosju (zoccor). Dana il glucosju meta jiddistillaŭh jati spirtu ifjen minn dac li jittieħed m'il kamħ jeŭ m'ixxħir għaliex ma ijcollu katt imħallat miegħu « fusel-oil. »

Ŭara calcoli li saru sabu li bejn serratura, ċana, lakx u x'naf jien f 'cull pajjis jintremeŭ għa'n-nar cull sena, ŭisk actar minn dac li jinħtieġ biex ijsir l-ispirtu collu ta' dac il pajjis; u għalhecc dana l-ispirtu tant safi jista jcun jinbiegħ b'irħis ħafna ucoll. U billi illum biex jagħmlu l-ispirtu jaħlu ħafna kamħ u xgħir, meta l-ispirtu jsir m'il-injam jorħos il kamħ u il ħobs ucoll.

Tasseŭ li hi invenzjoni sabiħa!

**Is-Sultan Edŭardu** ta'l Inghilterra hu il bniedem li l-actar f'id-dinja għandu assicurazzjoni cbira fuk ħajjtu.

**F'Venezja** hemm fabbrica li kiegħda tagħmel cpiepel ta'l ħġieġ. Daŭna huma ħfief u jlekku bħal ħarir u huma tajjbin ŭisk f 'ix-xitŭa għaliex ma jżommux ilma.

ħsieb icreħ ħafna, li jgħid lil Carmena li il Cavalier, dac il-lejl li geji chellu jistenniha f'id-dar ta' San Paŭl-ta't-Targa, jieħodha hemm, u chif tcun ŭieħidha miegħu juriha chemm ijħobbha, jitlobha b'il ħniena, għa'r-rcopptejh, li tħobbu, jgħannakha, jbusha chemm jiflaħ u jecc titfantas u tgħidlu le imkar ijmur jakbeż minn x'imchien; iżda intebaħ minnufiħ li l-imbit chien kiegħed ijsefsiflu ħŭejjeġ coroħ ħafna f'moħħu, u għalhecc ħallas lil ta'l ħanut u ħaffef sakajh lejn xatt il Marsa fejn dgħajjsa li chien hemm ŭasslitu ċaklem, ċaklem kuddiem il Cnisja ta' San Laŭrenz. Niżżel il barnus chemm sata fuk għajnejh biex ma jagħirfuhx u, kalbu tħabbat sitta-sitta li ma jħabbatx ŭiċċu ma' dac il fergħun ta' Ambroġ, ħaffef bħal ghilpa lejn id-dar ta'l Cavalier billi katt ma għaddielu minn rasu li dan baka jgħaddi il-lejl għand De Goutre, l-Isla.

Fetħitlu Ŭenza u kaltlu li il Cavalier chien għadu ma dehirx m'il għaxja ta' kabel u f'il ħin li gibditu f'rocna kagħdu jpecilku fuk dac is-saħta ta' Cavalier u Ŭenza bdiet iddomm, bħal żibeġ ta' curuna, ŭaħda ŭara l-oħra billi chienet tafhom fuk ponot subgħajha, il praspar coroħ tiegħu collha. Ŭara ŭiddbet, għal darba, tnejn lil Hamid li ma jmurx ix-xitan ijberrinlu li jżerżak xi chelma milli tarrfitlu għaliex sgur li il Cavalier chien ijsensilha minn għonka bla ma jtiha żmien biss tgħid ajma, daħħlitu f'camritha u dafritu seŭŭa bl-ichel li chien fadal minn f'il għaxija. Hamid fetaħ għajnejh u għal cull ħaġa li bdiet treŭŭillu kuddiemu chien ijroddilha il ħajr u jtaptpilha fuk spallitha. « F'ħajjietec, Ŭenz, ma haŭnx għalic; chelli ġuħ clubi, ta' ngħama, b'da'l bard li nieżel... u il bieraħ, b'il għali u it-taħbit, ma niżżiltx farca li hi farca fl-istoncu tiegħi... Alla jroddulec; » u kam biex ijbeŭŭeġ il barra. Ŭenza, għad li chienet imfarfra seŭŭa actar minnu, chienet ingibdet ġmielha lejn dac ix-xifajc ta' Hamid li chellu demmu ħelu daks il cannamieli u par għajnejn li jsaħħruc u, għalhecc ħarget minn taħt is-sodda flixcun imbit minn dac it-tajjeb li chien jixrob il Cavalier meta chien ijcollu xi żjara u riedet tatihulu b'il fors f'idejh biex ijleghilgu. Hamid ma riedx għa'x kallha li hu ucoll kalbu mimlija għal De Saqueville u ma riedx li jgħidlu xi chelma ħorra u jiftilha miegħu. Raġa taptpilha fuk spallitha, raddilha is-sliem u beŭŭeġ il barra bħal żiffa rieħ.

Parpar ma'x-xtajta ix-xtajta sa's-Sirena u issa sab ruħu aħjar f'il mixi billi chien trejjak f'dar il Cavalier; u ŭara li berren ftit fuk dac li kaltlu Ŭenza li il-lejl ta' kabel gie ħabbat ragel imleffef f'cabozza u talabha li tistchennu ftit m'ix-xita li chienet nieżla u hi ma rieditx għa'x kaltlu li il Cavalier ma chienx hemm. intebaħ li dac chien ŭieħed minn sħab Ambroġ li mar jitchixxef chienx hemm biex ŭara jħallihom jidħlu fuku u jagħmluh għarbiel bl-istalletti.

Hamid ŭasal f'il Palazz ta' De Goutre f'chemm ilna ingħidu u il beŭŭieb meta għarfu daħħlu malajr jistenna. Ŭara ftit ħin niżel kallu li jista jitla, li il Cavalier chien f'il camra ta't-tieni setaħ u li ried ijchellmu. Hamid għal l-eŭŭel erba targiet li tala ħass demmu collu nieżel f'riglejh, sfar bħal żuglanta u ircopptejh bdeŭ jirtogħdu u jridu jogħtru taħtu. Iżda billi il beŭŭieb chien għadu jħares lejh tiela, kaŭŭa kalbu, ħaffef il pass u ħabbat il bieb ta'l camra b'il ħleŭŭa collha. De Saqueville kallu biex ijgħaddi. Hamid malli daħal sabu għadu imnażża f'is-sodda, li chienet imkallba ta' taħt fuk, u collu midbiel u sfajjar b'ix-xorb u it-tbagħrid ta' dic il-lejla.

*(Jissocta.)*


# IL LOGHOB TA'L LOTTU.

Hi biċċa genn li ŭieħed jilgħab flusu f'il-Lottu għaliex fih il flus li tilgħab, jecc ma tirbaħx, jintilfu dejjem; iżda jecc tixtrihom TITOLI B'IL PREMJU, ma titlifx flusec u tista tieħu premju ta' GHOXRIN jeŭ GHAXAR T-ELEF LIRA. F'il Lottu trid tkiegħed flus m'il ġdid cull darba; iżda meta tixtri TITOLU B'IL PREMJU toħroġ flusec darba biss, u jecc ma tieħux premju darba tista tieħdu sa ħafna snin, igifieri sa chemm targa iddaħħal almenu il flus li tcun ħriġt bl-imgħax tagħhom. B'hecc tcun stajt irbaħt premji cbar bla ma tlift XEJN m'il but. Biss billi daŭna it-titoli huma ftit għaljin il « Cassa di Providenza e Risparmio» ta' Sda Forni, Nu 87, il Belt, tati ħames titoli differenti bi tmintax irbigħi f'ix-xahar, u titoli ta'l Panama b'il ħames xelini f'ix-xahar u tcunu tistgħu tieħdu il premji li jitilgħu m'il eŭŭel pagament. B'hecc tcunu kiegħdin tfaddlu ħames xelini f'ix-xahar, li joctru bl-imgħax u tista tieħu bihom premji cbar. Min irid jiftihem aħjar ijmur fejn semmejna.

# IL-FERMENTIN

sabu li hu tajjeb ħafna f'it-traċni u fl-irsipli li spiss jimxu ma'd-diabete. Dana il **Fermentin** jofrok iz-zoccor (glucosju), li jcun hemm f'il fŭied u li billi ma jinħarakx ijgħaddi fl-aŭrina, f'alcohol u acidu carbonicu u b'hecc jeħles lil gisem minnu. Jisŭa ħafna ucoll għal min l-istoncu tiegħu ma jmixxix l-ichel b'iż-zejjed u f'id-diarrea: u faħħruh f'ħafna casi ta' pullagra! Ippruvaŭh mela m'il actar fis.

Il Chirurgu-Dentista Alfonsu Urso resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Ġdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijħtieġ għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.



Min hu marid bl-ANEMIJA (takar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L' ELIXIR**

# TA' S. VINĠENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut: Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

# GHA'N = NERVUSI !

Meta tħossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktugħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd jobogħdoc, collox imgħaŋŭeġ f'il ħajja u tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn ijcolloc dic il marda li jsejjħulha

**NEVRASTENIJA**

u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ li tagħmillec ħafna gid hi

# L=ANTINEVROTICU

TA'L

**Prof: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il aħjar tobba ta'l Italja. Timbiegħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGHMEL BISS.

Min ijrid ijdaħħal il gas jixtri calamiti jeŭ kniepen elettrici u ijrid min ijŭaħħalhomlu jeŭ ijseŭŭihomlu seŭŭa u bi prezzijiet ħelŭin ijmur għand **Enricu Calleja**, 43 Sda. Sta. Lucia, il Belt.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?
Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbigħu f'il ħŭienet principali.
F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

**Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlak-ha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kiegh-din l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa ju-mejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu f'idejc; u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand**

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

## STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

**fejn ijsib ucoll ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u faj-jenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.**

# Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA




## C. CAMILLERI & SONS

## 50 STR. MERCANTI IL BELT




CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

BL. BY FORMOSA.

**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**